

Brussell, 13 ta' Frar 2026
(OR. en)

6330/26

DELECT 30
AGRILEG 31
VETER 20

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Frar 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 766 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'12.2.2026 li jemenda u jikkoreġi r-Regolament Delegat (UE) 2020/687 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u għall-kontroll ta' ċertu mard elenkat

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 766 final.

Mehmuż: C(2026) 766 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.2.2026
C(2026) 766 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'12.2.2026

li jemenda u jikkoreġi r-Regolament Delegat (UE) 2020/687 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u għall-kontroll ta' ċertu mard elenkat

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687¹ jistabbilixxi regoli li jissupplimentaw ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (“Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali”)² fir-rigward tal-prevenzjoni u tal-kontroll ta’ ċertu mard elenkat, jiġifieri l-mard tal-kategoriji A, B u C. Fost affarijiet oħra, ir-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jipprevedi l-istabbiliment ta’ żoni ristretti, u restrizzjonijiet u kundizzjonijiet għall-movimenti tal-annimali u tal-prodotti tagħhom u ta’ materjali oħra fi ħdan, lejn u minn żoni ristretti bħala parti mill-miżuri għall-prevenzjoni u għall-kontroll tat-tixrid ta’ mard tal-kategorija A. Tali miżuri jenħtieġ li jiġu adattati għar-riskji involuti. Għalhekk, dan ir-Regolament Delegat jemenda ċerti Artikoli tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 u ċerti Annessi tiegħu biex jallinja dawk il-miżuri mar-riskju involut f’ċerti ċirkostanzi, u biex iqis l-għarfien xjentifiku ġdid disponibbli.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Il-Kummissjoni organizzat diversi laqgħat tal-Grupp ta’ Esperti dwar is-saħħa tal-annimali (E00930) minn Settembru 2023 sa Frar 2025 u kellha aktar skambji fi ħdan l-istess Grupp ta’ Esperti. L-abbozz tar-Regolament Delegat kien disponibbli wkoll għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill, u l-ebda wieħed minnhom ma sottometta ebda kumment. Saru għadd ta’ laqgħat ukoll ma’ firxa ta’ partijiet ikkonċernati fil-qafas tal-Kumitat Konsultattiv dwar is-Saħħa tal-Annimali fejn ġew spjegati u diskussi l-elementi ewlenin tal-abbozz tal-att.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

Dan ir-Regolament Delegat għandu jiġi adottat fil-qafas tar-Regolament (UE) 2016/429, u b’mod partikolari skont l-Artikoli 55(2), 63, u 64(4), l-Artikolu 67 u l-Artikolu 68(3) tiegħu.

¹ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 tas-17 ta’ Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta’ ċertu mard elenkat (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 64, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/del/2020/687/oj>).

² Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta’ Marzu 2016 dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali (“Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali”) (ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj>).

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'12.2.2026

li jemenda u jikkoreġi r-Regolament Delegat (UE) 2020/687 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u għall-kontroll ta' ċertu mard elenkat

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali")¹, u b'mod partikolari l-Artikoli 55(2), 63, u 64(4), l-Artikolu 67 u l-Artikolu 68(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi r-regoli għall-prevenzjoni u għall-kontroll tal-mard tal-annimali li huwa trażmissibbli lill-annimali jew lill-bnedmin, inklużi regoli dwar is-sensibilizzazzjoni dwar il-mard, it-tħejjija għalih u l-kontroll tiegħu. Dak ir-Regolament jistabbilixxi, b'mod partikolari, regoli speċifiċi għall-mard għall-prevenzjoni u għall-kontroll tal-mard elenkat fl-Artikolu 5 tiegħu.
- (2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687² jistabbilixxi regoli li jissupplimentaw ir-Regolament (UE) 2016/429 fir-rigward tal-prevenzjoni u tal-kontroll ta' ċertu mard elenkat, l-aktar il-mard tal-kategoriji A, B u C definit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882³. B'mod aktar partikolari, ir-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-istabbiliment ta' żona ristretta f'każ ta' tifqigħa ta' marda tal-kategorija A, u restrizzjonijiet u kundizzjonijiet għall-movimenti ta' annimali tal-ispeċijiet elenkati u

¹ ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj>.

² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 64, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/687/oj).

³ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 tat-3 ta' Diċembru 2018 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għal kategoriji ta' mard elenkat u li jistabbilixxi lista ta' speċijiet u gruppi ta' speċijiet li jippreżentaw riskju konsiderevoli għat-tixrid ta' dak il-mard elenkat (ĠU L 308, 4.12.2018, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2018/1882/oj).

tal-prodotti tagħhom fi ħdan, lejn u minn żoni ristretti, bħala parti mill-miżuri għall-kontroll tal-mard meħtieġa għall-prevenzjoni u għall-kontroll tat-tixrid ta' mard tal-kategorija A.

- (3) Barra minn hekk, l-Artikolu 7 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jipprojbixxi kwalunkwe moviment ta' annimali miżmuma ta' speċijiet mhux elenkati lejn u minn stabbiliment fejn ikun hemm suspett ta' marda tal-kategorija A. Madankollu, il-movimenti ta' ċerti annimali ta' speċijiet mhux elenkati fi stabbiliment fejn ikun hemm suspett ta' marda tal-kategorija A, jew movimenti ta' tali annimali minn tali stabbiliment lejn biċċerija, jenħtieġ li jkunu permessi, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju mwettqa, f'kull każ individwali, mill-awtorità kompetenti. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 7 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jiġi emendat kif xieraq.
- (4) It-tindif u d-dizinfekzjoni tal-istabbiliment affettwat huma waħda mill-miżuri bażiċi għall-kontroll tal-mard previsti fl-Artikolu 61 tar-Regolament (UE) 2016/429 biex jiġi mminimizzat ir-riskju tat-tixrid ta' marda kkonfermata tal-kategorija A, u biex jiġi eliminat mill-aktar fis possibbli l-patoġenu tal-marda tal-kategorija A. Ir-rekwiżiti għat-tindif u għad-dizinfekzjoni jikkonsistu f'diversi proċeduri stabbiliti fil-punti A (*Rekwiżiti ġenerali*), B (*Tindif u dizinfekzjoni preliminari*) u C (*Tindif u dizinfekzjoni finali*) tal-Anness IV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687. Madankollu, l-Artikoli 15 u 16 ta' dak ir-Regolament Delegat, li jstabbilixxu r-regoli u d-derogi għat-tindif u għad-dizinfekzjoni, u, meta jkun neċessarju, il-kontroll tal-insetti u tar-roditori, jirreferu biss għat-tindif u għad-dizinfekzjoni preliminari, li huma biss parti mill-proċedura sħiħa tat-tindif u tad-dizinfekzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 15 jiġi emendat biex jirregola l-proċedura sħiħa tat-tindif u tad-dizinfekzjoni, li tikkonsisti kemm fil-proċeduri preliminari kif ukoll f'dawk tat-tindif u tad-dizinfekzjoni finali.
- (5) Prodotti minn stabbiliment fejn tkun ġiet ikkonfermata tifqigħa ta' marda tal-kategorija A jistgħu jirrappreżentaw riskju għat-tixrid tal-marda tal-kategorija A. Għalhekk, dawk il-prodotti li ġew imċaqalqa minn dak l-istabbiliment matul ċertu perjodu għandhom jiġu identifikati permezz tat-traċċar u jiġu ttrattati jew ipproċessati kif meħtieġ mill-Artikolu 19(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687. Madankollu, dak l-Artikolu 19 ma jispeċifikax b'mod ċar li r-riskju tat-tixrid tal-marda tal-kategorija A jrid jiġi mmitigat permezz tat-trattament jew l-ipproċessar ta' dawk il-prodotti. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jiġi emendat kif xieraq.
- (6) Abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 21 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, il-possibbiltajiet tal-awtorità kompetenti li testendi jew tadatta ż-żona ristretta stabbilita f'konformità ma' dak l-Artikolu huma limitati għal ċerti sitwazzjonijiet. Il-possibbiltajiet previsti fl-Artikolu 21 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 għall-istabbiliment ta' żona ristretta ulterjuri jew għall-adattament taż-żona ristretta mhumieħ bizzżejjed biex jipprevjenu b'mod effettiv it-tixrid tal-marda tal-kategorija A, b'mod partikolari meta l-marda tal-kategorija A tkun preżenti wkoll fl-annimali

selvaġġi tal-ispeċijiet elenkati, jew jekk tkun marda li tinġarr minn vettur. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 21 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jiġi emendat biex jippermetti l-adattament taż-żoni ristretti, kif previst mill-Artikolu 64(2) tar-Regolament (UE) 2016/429, mingħajr ebda limitazzjoni għal ċerti possibbiltajiet biss.

- (7) Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009⁴, jistabbilixxi regoli għall-ġbir, għat-trasport u għar-rimi sikur ta' prodotti sekondarji tal-annimali. Madankollu, fil-każ ta' tifqigħa mifruxa ta' marda elenkata fejn il-kapaċitajiet ta' rimi fi Stat Membru kkonċernat jinqabżu, l-Artikolu 19(1) ta' dak ir-Regolament jipprevedi, b'deroga, il-possibbiltà li l-awtorità kompetenti tarmi prodotti sekondarji tal-annimali f'każijiet eċċezzjonali billi taħraqhom jew tidfinhom fuq is-sit, f'kundizzjonijiet li jipprevjenu t-trażmissjoni ta' riskji għas-saħħa pubblika u tal-annimali. Jenħtieġ li dik il-possibbiltà tiġi prevista wkoll fir-Regolament Delegat (UE) 2020/687. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 22 ta' dak ir-Regolament Delegat jiġi emendat kif xieraq.
- (8) L-Artikolu 23 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jipprevedi li l-awtorità kompetenti tista' tagħti derogi mid-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu II ta' dak ir-Regolament Delegat dwar il-miżuri li għandhom jiġu applikati fiż-żoni ristretti f'ċerti ċirkostanzi, sa fejn ikun meħtieġ u wara li titwettaq valutazzjoni tar-riskju. Madankollu, ma huwiex ċar li l-eżitu tal-valutazzjoni tar-riskju jrid jindika li r-riskju ta' tixrid tal-marda huwa negliġibbli sabiex l-awtorità kompetenti tagħti deroga. Barra minn hekk, wara l-emendi li saru fl-Artikolu 21(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/751⁵ rigward l-istabbiliment li jżommu sa 50 għasfur miżmum fil-magħluq, il-punt (c) tal-Artikolu 23 ma għadux meħtieġ peress li huwa kopert mill-Artikolu 21(3), il-punt (g) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687. Barra minn hekk, id-deroga inizjalment prevista mill-Artikolu 23, il-punt (c), tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 tkopri biss l-istabbiliment li jżommu sa 50 għasfur miżmum fil-magħluq fejn seħħet it-tifqigħa tal-marda tal-kategorija A. Madankollu, b'riżultat tal-emendi li saru bir-Regolament Delegat (UE) 2023/751 għall-Artikolu 21(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, u abbażi tal-Artikolu 23, il-punt (d), ta' dak ir-Regolament Delegat, bħalissa huma possibbli derogi fi stabbiliment li jżommu sa 50 għasfur miżmum fil-magħluq, li mhumiex l-istabbiliment fejn seħħet it-tifqigħa. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 23 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jiġi emendat kif xieraq.

⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali u derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali) (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1069/oj>).

⁵ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/751 tat-30 ta' Jannar 2023 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/687 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat (ĠU L 100, 13.4.2023, p. 7 ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/751/oj).

- (9) Wara l-konferma ta' marda tal-kategorija A fi stabbiliment b'animali miżmuma tal-ispeċijiet elenkati, l-Artikolu 26 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jirrikjedi li l-veterinarji uffiċjali jwettqu żjarat fl-istabbilimenti li jinsabu fiż-żona ta' protezzjoni. L-ambitu ta' dawn iż-żjarat huwa li jsiru l-verifiki u l-eżamijiet neċessarji, inkluż it-teħid tal-kampjuni għall-ittejtjar fil-laboratorju, biex jiġi identifikat kmieni t-tixrid possibbli tal-marda tal-kategorija A għal stabbilimenti oħra f'dik iż-żona. Il-proċeduri għat-teħid ta' kampjuni fl-istabbilimenti li għandha ssirilhom żjara, u għall-eżamijiet kliniċi u tal-laboratorju fl-istabbilimenti miżjura, huma stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687. L-eżamijiet kliniċi u fil-laboratorju tal-animalli tal-ispeċijiet elenkati miżmuma fi stabbilimenti li jinsabu fiż-żona ta' protezzjoni huma meħtieġa wkoll mill-Artikolu 39(1), il-punt (b), ta' dak ir-Regolament Delegat. Mill-adozzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA, European Food Safety Authority) ħarġet opinjonijiet xjentifiċi fl-2021 u fl-2022 dwar il-valutazzjoni tal-effettività tal-miżuri ta' kontroll għal kull marda tal-kategorija A⁶ (l-evidenza xjentifika rilevanti) inklużi l-eżamijiet kliniċi u tal-laboratorju rakkomandati u l-proċeduri ta' teħid tal-kampjuni għad-detezzjoni ta' dak il-mard. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 26(2), il-punt (d), u l-Artikolu 39(1), il-punt (b), tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jiġu emendati biex jirreferu għall-ħtieġa li jinġabru kampjuni għall-eżamijiet fil-laboratorju meta l-evidenza xjentifika rilevanti

⁶ Scientific Opinion on the assessment of the control measures for category A diseases of Animal Health Law: Foot and Mouth Disease, <https://efsa.onlinelibrary.wiley.com/doi/epdf/10.2903/j.efsa.2021.6632>
Assessment of the control measures of category A diseases of the Animal Health Law: Infection with rinderpest virus (Rinderpest), <https://efsa.onlinelibrary.wiley.com/doi/epdf/10.2903/j.efsa.2022.7071>
Assessment of the control measures of the category A diseases of Animal Health Law: Rift Valley Fever, <https://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/pub/7070>
Assessment of the control measures for category A diseases of Animal Health Law: Lumpy Skin Disease, <https://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/pub/7121>
Assessment of the control measures for category A diseases of Animal Health Law: Contagious Bovine Pleuropneumonia, <https://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/pub/7067>
Assessment of the control measures of the category A diseases of Animal Health Law: sheep and goat pox, <https://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/pub/6933>
Assessment of the control measures of the category A diseases of Animal Health Law: peste des petits ruminants, <https://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/pub/6708>
Assessment of the control measures for category A diseases of Animal Health Law: Contagious Caprine Pleuropneumonia, <https://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/pub/7068>
Assessment of the control measures of the category A diseases of Animal Health Law: Classical Swine Fever, <https://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/pub/6707>
Scientific Opinion on the assessment of the control measures of the category A diseases of Animal Health Law: African Swine Fever, <https://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/pub/6402>
Assessment of the control measures of the category A diseases of Animal Health Law: *Burkholderia mallei* (Glanders), <https://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/pub/7069>
Scientific Opinion on the assessment of the control measures of the category A diseases of Animal Health Law: African Horse Sickness, <https://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/pub/6403>
Scientific Opinion on the assessment of the control measures of the category A diseases of Animal Health Law: Highly Pathogenic Avian Influenza, <https://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/pub/6372>
Assessment of the control measures of the category A diseases of Animal Health Law: Newcastle disease, <https://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/pub/6946>

tirakkomanda miżuri bħal dawn. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jiġi emendat biex jiżdied ir-rekwiżiti li l-proċeduri ta' teħid tal-kampjuni stabbiliti fil-punt A ta' dak l-Anness iridu jkunu bbażati fuq l-evidenza xjentifika rilevanti għall-marda rispettiva tal-kategorija A.

- (10) L-Artikolu 27 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jipprevedi, fost affarijiet oħra, projbizzjonijiet fuq il-movimenti ta' annimali u prodotti fiż-żona ta' protezzjoni. Il-paragrafu 3 ta' dak l-Artikolu jippermetti li ċerti prodotti jiġu eżentati minn dik il-projbizzjoni. Eżenzjoni hija possibbli biss għal prodotti li huma sikuri u li ma jippreżentawx riskju għat-trażmissjoni ta' mard tal-kategorija A lill-annimali terrestri. Il-paragrafu 3 jelenka l-prodotti derivati bħala prodott wieħed ta' dan it-tip. Madankollu, il-prodotti derivati jistgħu, f'konformità mar-regoli dwar il-prodotti sekondarji tal-annimali, u b'mod partikolari r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011⁷, jiġu ttrattati b'metodi differenti u xi wħud minn dawk il-metodi jistgħu ma jkunux biżżejjed biex jimmitigaw ir-riskju ta' marda tal-kategorija A fl-annimali terrestri. L-esperjenzi reċenti bl-applikazzjoni ta' miżuri għall-kontroll tal-mard fl-Unjoni enfasizzaw dak in-nuqqas. Għalhekk, huwa neċessarju li r-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jiġi emendat sabiex dawk it-trattamenti li huma kkunsidrati li jimmitigaw ir-riskju ta' patoġeni ta' dawk il-mard tal-kategorija A, ikunu meħtieġa għall-prodotti derivati rilevanti, kif previst fir-Regolament (UE) Nru 142/2011. Barra minn hekk, il-ġelatina u l-kollaġen kif definiti fl-Anness I, il-punti 7.7. u 7.8., tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸ huma, minħabba l-proċess tal-produzzjoni tagħhom, ikkunsidrati bħala prodotti ta' oriġini mill-annimali li ma jirrappreżentawx riskju fir-rigward ta' mard trażmissibbli tal-annimali li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/429. Għalhekk, huwa neċessarju li l-ġelatina u l-kollaġen jiġu eżentati mill-projbizzjonijiet previsti fl-Artikolu 27(1) u (2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 27(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jiġi emendat kif xieraq. Barra minn hekk, bħala konsegwenza tal-emendi fl-Artikolu 27(3), jenħtieġ li l-Artikoli 33(1) u 49(1) jiġu riveduti biex jirreferu għall-parti tal-Anness VII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 fejn huma stabbiliti t-trattamenti ta' mitigazzjoni tar-riskju għal dawk il-prodotti.
- (11) L-Artikoli 28 u 43 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jistabbilixxu l-kundizzjonijiet ġenerali għall-għoti ta' derogi mill-projbizzjonijiet li għandhom jiġu applikati fiż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, rispettivament kif stabbilit wara l-

⁷ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 tal-25 ta' Frar 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi skont dik id-Direttiva (ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/142/oj>).

⁸ Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jstabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2004/853/oj>).

konferma ta' marda tal-kategorija A fl-animali miżmuma tal-ispeċijiet elenkati. Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/2623⁹ jistabbilixxi r-regoli għall-approvazzjoni u għar-rikonoxximent tal-istatus ta' ħelsien mill-mard tal-kompartimenti li jżommu l-animali terrestri fir-rigward ta' ċertu mard tal-kategorija A. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikoli 28 u 43 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jiġu emendati biex jippermettu l-movimenti tal-animali u tal-prodotti minn żona ristretta jekk joriġinaw minn kompartimenti approvati għall-marda tal-kategorija A rilevanti f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2024/2623, u elenkati fl-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/620¹⁰.

- (12) Il-kundizzjonijiet speċifiċi għall-awtorizzazzjoni tal-movimenti ta' demel, inklużi mfierex u mraquad użati, miż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza huma stabbiliti fl-Artikoli 35 u 51 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687. Barra minn hekk, l-Artikoli 37(2) u 53(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jistabbilixxu l-kundizzjonijiet speċifiċi għall-awtorizzazzjoni tal-movimenti ta' prodotti minn żoni ta' protezzjoni jew ta' sorveljanza lejn impjant approvat għall-prodotti sekondarji tal-animali. Id-demel, inklużi mfierex u mraquad użati, huwa wkoll prodott, u għalhekk jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 37(2) u 53(2) ta' dak ir-Regolament Delegat. Madankollu, dan ma huwiex ċar, meta wieħed iqis li l-movimenti ta' dawk il-prodotti minn stabbilimenti fiż-żona ta' protezzjoni u ta' sorveljanza diġà huma msemmija fl-Artikoli 35 u 51 ta' dak ir-Regolament Delegat. Għalhekk, għaċ-ċarezza tar-regoli tal-Unjoni dwar il-possibiltajiet għall-movimenti ta' demel, inklużi mfierex u mraquad użati minn stabbilimenti li jinsabu fiż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, jenħtieġ li l-Artikoli 35 u 51 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jiġu emendati sabiex jirreferu għal dawk id-dispożizzjonijiet kollha. Barra minn hekk, il-punt C, il-paragrafu 1(a)(i), tal-Anness IV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jipprevedi trattament li jitqies li jiddiżattiva l-patoġeni tal-marda tal-kategorija A fid-demel, fl-imfierex u fl-imraquad użati minn stabbiliment affettwat. Jenħtieġ li l-istess trattament jitqies sikur ukoll għad-demel, inklużi mfierex u mraquad użati minn stabbilimenti li jinsabu fiż-żona ta' protezzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikoli 35 u 51 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jiġu emendati kif xieraq.
- (13) Barra minn hekk, huwa importanti li jiġi żgurat li t-trattamenti ta' mitigazzjoni tar-riskju użati għal prodotti sekondarji tal-animali li joriġinaw minn żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza li jippreżentaw riskju imminenti għat-trażmissjoni tal-marda tal-

⁹ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/2623 tat-30 ta' Lulju 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-approvazzjoni u għar-rikonoxximent tal-istatus ta' ħelsien mill-mard tal-kompartimenti li jżommu l-animali terrestri (ĠU L, 2024/2623, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/2623/oj).

¹⁰ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/620 tas-15 ta' April 2021 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-approvazzjoni tal-istatus ta' ħelsien mill-mard u tal-istatus ta' mingħajr tilqim ta' ċerti Stati Membri jew taż-żoni jew il-kompartimenti tagħhom fir-rigward ta' ċertu mard elenkat, u rigward l-approvazzjoni ta' programmi ta' eradikazzjoni għal dak il-mard elenkat (ĠU L 131, 16.4.2021. p. 78, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/620/oj).

annimali jkunu sikuri biex jeqirdu l-aġent tal-marda. Dan jista' jiġi żgurat biss billi dawk il-prodotti jiġu pproċessati b'metodi ta' pproċessar li huma kkunsidrati sikuri f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹ u għalhekk armonizzati bis-sħiħ skont dik il-leġiżlazzjoni. Għalhekk, huwa neċessarju li ssir referenza għal dawn il-metodi sikuri fir-Regolament Delegat (UE) 2020/687 u li l-Artikoli 37 u 53 jiġu emendati skont dan.

- (14) L-Artikolu 46(1), il-punt (b), tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jillimita l-possibbiltà li jiġu awtorizzati movimenti ta' flieles ta' ġurnata li joriġinaw miż-żona ta' sorveljanza għal movimenti ta' tali annimali lejn stabbilimenti fl-istess Stat Membru biss. Madankollu, il-movimenti minn stabbilimenti fiż-żona ta' sorveljanza ta' flieles ta' ġurnata miksuba minn bajd għat-tifqis li joriġina minn barra ż-żona ristretta jistgħu jitqiesu bħala sikuri jekk dak il-bajd u dawk il-flieles ta' ġurnata ma jkollhom l-ebda kuntatt ma' bajd ieħor għat-tifqis jew flieles ta' ġurnata oħra miż-żona ristretta. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 46(1), il-punt (b), tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jiġi emendat biex jippermetti, soġġett għal ċerti kundizzjonijiet, movimenti ta' flieles ta' ġurnata mfaqqa minn bajd li joriġina minn barra ż-żona ristretta lejn kwalunkwe stabbiliment.
- (15) Żona ta' sorveljanza titqies li tirrappreżenta riskju aktar baxx minn żona ta' protezzjoni għat-tixrid ta' patoġenu tal-marda tal-kategorija A. Għalhekk, il-materjali tal-għalf li joriġinaw mill-pjanti u tiben prodotti fiż-żona ta' sorveljanza jirrappreżentaw riskju aktar baxx minn dawk prodotti fiż-żona ta' protezzjoni u jistgħu jintużaw fiż-żona ta' protezzjoni mingħajr ma jiżdied ir-riskju tat-tixrid tal-marda tal-kategorija A f'dik iż-żona. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 52, il-punt (c), tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jiġi emendat biex jippermetti l-użu ta' materjali tal-għalf li joriġinaw mill-pjanti u tiben prodotti fiż-żona ta' sorveljanza kemm fiż-żoni ta' protezzjoni kif ukoll fiż-żoni ta' sorveljanza.
- (16) Il-miżuri għall-kontroll tal-mard iridu jiġu applikati fiż-żona ristretta stabbilita għal marda tal-kategorija A sakemm ikunu twettqu t-tindif u d-dizinfekzjoni finali, kif meħtieġ mill-Artikolu 68 tar-Regolament (UE) 2016/429. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 55 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jiġi emendat biex jirreferi b'mod ċar għat-tlestija tat-tindif u tad-dizinfekzjoni finali bħala kundizzjoni li għandha tiġi ssodisfata qabel ma jitneħħew il-miżuri għall-kontroll tal-mard applikati fiż-żona ta' sorveljanza. Madankollu, f'ċerti sitwazzjonijiet, bħal *force majeure* jew minħabba perjodu twil ta' kundizzjonijiet tat-temp mhux favorevoli, it-tlestija tat-tindif u tad-dizinfekzjoni finali f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 tista' tiġi ttardjata. Peress li tali dewmien jista' jestendi b'mod

¹¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali) (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1069/oj>).

sinifikanti d-durata tar-restrizzjonijiet b'aktar mid-doppju tad-durata minima meħtieġa f'konformità mal-Anness XI tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, dan jista' jikkawża tfixkil serju fl-attività tal-istabbilimenti mhux affettwati li jinsabu fiż-żona ta' sorveljanza u telf ekonomiku sinifikanti għal dawk l-operaturi. Għalhekk, huwa xieraq li, f'ċirkostanzi eċċezzjonali bħal dawn, tkun permessa t-tneħħija tal-miżuri għall-kontroll tal-mard fiż-żona ta' sorveljanza qabel it-tlestija tat-tindif u tad-dizinfekzjoni finali fl-istabbiliment affettwat jekk jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet biex jiġi żgurat li r-riskju ta' tixrid tal-marda tal-kategorija A minn dak l-istabbiliment ikun negliġibbli. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 55 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jiġi emendat kif xieraq.

- (17) Iż-żona ristretta tista' tinkludi wkoll żona ristretta oħra kif stabbilita mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 meta ċerti sitwazzjonijiet epidemjoloġiċi jiġġustifikaw l-applikazzjoni ta' tali miżura biex jiġi kkontrollat b'mod effettiv it-tixrid tal-marda tal-kategorija A. F'dawk iċ-ċirkostanzi, jista' jkun ukoll neċessarju li jinżammu ċerti miżuri għall-kontroll tal-mard fiż-żona ristretta kollha wara t-tneħħija tal-miżuri għall-kontroll tal-mard applikati fiż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikoli 39 u 55 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jiġu emendati kif xieraq.
- (18) Bħala konsegwenza tal-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 27 u 42 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, il-movimenti tal-annimali tal-ispeċijiet elenkati fi ħdan u lejn żona ristretta ma jistgħux iseħħu sakemm jitneħħew il-miżuri f'konformità mal-Artikolu 55 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687. Għalhekk, l-istabbilimenti fiż-żona ristretta jistgħu ma jkunux jistgħu jgħibu stokk ġdid u għalhekk jibqgħu vojta għad-durata tar-restrizzjonijiet anki jekk ma kinux affettwati mill-marda. F'ċerti ċirkostanzi eċċezzjonali, id-durata tal-miżuri fiż-żona ristretta tista' tiġi estiża b'mod sinifikanti anki jekk ma tkun instabet l-ebda tifqigħa oħra, li taqbeż b'mod sinifikanti l-perjodu minimu stabbilit fl-Anness XI tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687. B'riżultat ta' dan, ir-ristokkjar ta' dawk l-istabbilimenti tista' tiddewwem b'mod sostanzjali, u potenzjalment tikkawża telf ekonomiku serju għal dawk l-operaturi. Dan huwa partikolarment rilevanti għal ċerti sistemi ta' produzzjoni b'livell għoli ta' integrazzjoni u żmien relattivament qasir għad-dawran tal-istokk. Għalhekk, f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali bħal dawn, u f'kundizzjonijiet speċifiċi, jenħtieġ li tiġi prevista deroga mill-projbizzjoni tal-moviment tal-annimali tal-ispeċijiet elenkati lejn stabbilimenti li jinsabu fiż-żona ristretta, fit-Taqsima 4 tal-Kapitolu II fil-Parti II tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 u fl-Artikolu 56 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 li diġà jipprevedi ċerti derogi mill-projbizzjonijiet tal-movimenti tal-annimali, iżda dawn jeħtieġ li jiġu estiżi kif xieraq. Dawn id-derogi jikkomplementaw id-derogi stabbiliti fl-Artikoli 28 u 43 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687. Madankollu, l-Artikolu 56 jagħmel referenza skorretta għal artikoli bid-derogi. Għalhekk, it-titolu tat-Taqsima 4 tal-Kapitolu II fil-Parti II tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 u l-Artikolu 56 jenħtieġ li jiġu emendati kif xieraq.
- (19) Ir-regoli stabbiliti fil-Kapitolu III tal-Parti II tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jirreferu għar-ripopolazzjoni tal-istabbiliment affettwat u għat-tneħħija tal-miżuri ta' kontroll tal-mard f'dak l-istabbiliment. Għalhekk, jenħtieġ li t-titolu ta' dak il-Kapitolu jiġi kkoreġut kif xieraq.
- (20) L-Artikolu 58 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jipprevedi derogi mill-kundizzjonijiet meħtieġa għall-awtorizzazzjoni tar-ripopolazzjoni tal-istabbiliment affettwat kif stabbilit fl-Artikolu 57 ta' dak ir-Regolament Delegat. Madankollu, it-

titolu tal-Artikolu 58 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jirreferi b' mod skorrett għall-Artikolu 55 u għalhekk jenħtieġ li jiġi kkoreġut.

- (21) Ir-ripopolazzjoni ta' stabbiliment affettwat għandha titwettaq f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 59 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, sabiex jiġi żgurat li l-annimali ripopolati jkunu ħielsa mill-marda tal-kategorija A rilevanti. Għaldaqstant, il-veterinarju uffiċjali għandu jżur, mill-inqas darba, l-istabbiliment affettwat u jivverifika l-annimali ripopolati. Iż-żjarat għandhom isiru f'perjodu speċifiku li jqis id-data li fiha l-annimali tqiegħdu fl-istabbiliment u l-aħħar jum tal-perjodu ta' monitoraġġ għall-marda tal-kategorija A rilevanti. Madankollu, meta l-perjodu ta' monitoraġġ, f'konformità mal-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, ikun itwal minn 30 jum, jenħtieġ li ż-żjara titwettaq fi żmien 30 jum mid-data li fiha l-annimali tqiegħdu fl-istabbiliment. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 59(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jiġi emendat kif xieraq.
- (22) It-tneħħija tal-miżuri għall-kontroll tal-mard applikati fi stabbiliment affettwat minn tifqigħa ta' marda tal-kategorija A hija marbuta mal-finalizzazzjoni tar-ripopolament ta' dak l-istabbiliment, kif meħtieġ mill-Artikolu 61 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687. Ir-rekwiżiti tal-Artikolu 61 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 ma jkoprux każijiet li fihom ir-ripopolament ma jkunx qed isseħħ fl-istabbiliment affettwat jew minħabba l-waqfien taż-żamma tal-annimali mill-operatur jew f'każijiet li fihom l-awtorità kompetenti tkun tat derogi mill-qtil ta' annimali tal-ispeċijiet elenkati miżmuma f'ċerti stabbilimenti affettwati u ta' ċerti kategoriji ta' annimali f'konformità mal-Artikolu 13(1) u (2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 61 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jiġi emendat biex jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għat-tneħħija tal-miżuri għall-kontroll tal-mard fl-istabbilimenti affettwati, li jkopru dawk is-sitwazzjonijiet kif ukoll meta r-ripopolament ma jkunx maħsub fl-istabbiliment affettwat.
- (23) L-Artikolu 75 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jipprevedi diversi ċirkostanzi li għandhom jitqiesu mill-awtorità kompetenti meta tistabbilixxi żoni ristretti temporanji. Waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi previsti fil-punt (b) ta' dak l-Artikolu hija l-movimenti tal-annimali fil-viċinanza tal-istabbiliment suspettat. Peress li dak l-Artikolu tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jirreferi għal miżuri għall-kontroll tal-mard għal mard tal-kategorija A fl-annimali tal-akkwakultura, huwa xieraq li jiġi speċifikat li ċ-ċirkostanza li għandha titqies hija l-moviment tal-annimali akkwatiċi. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 75 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jiġi emendat kif xieraq.
- (24) L-Artikolu 78(1), il-punt (f)(i) u (ii), u l-Artikolu 78(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jistabbilixxu regoli dwar prodotti sekondarji tal-annimali u prodotti ta' oriġini mill-annimali, għalkemm diġà hemm regoli għal dawk il-prodotti stabbiliti fl-Artikolu 78(1), il-punt (b), u l-Artikolu 78(3) ta' dak ir-Regolament Delegat. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 78 jiġi emendat biex jiżgura li ma jkunx hemm duplikazzjoni tar-regoli għall-istess prodotti fl-istess Artikolu.
- (25) Meta tkun meħtieġa purifikazzjoni qabel ma l-molluski jkunu jistgħu jiġu pproċessati minn stabbilimenti tal-akkwakultura fiż-żona ta' protezzjoni, jenħtieġ li tali purifikazzjoni ttitlesta b' mod li ma joħloqx riskju għat-tixrid tal-marda. Sabiex jiġu ssimplifikati u armonizzati ċerti elementi tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, jenħtieġ li l-Artikolu 83 tiegħu jiġi emendat billi titħassar ir-referenza għal "ċentru ta' purifikazzjoni bijosigur", biex jiġi żgurat li l-molluski minn stabbilimenti tal-akkwakultura infettati jiġu ppurifikati biss fi stabbiliment għall-kontroll tal-mard tal-

ikel akkwatiku. Barra minn hekk, l-Artikolu 83 jenħtieġ li jiġi rivedut biex jallinja d-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 78 mal-emendi li saru lil dak l-Artikolu.

- (26) L-Artikolu 90(2), il-punt (b), tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, jipprevedi li l-iskambji u l-iskariki tal-ilma matul it-trasport fiż-żona ta' protezzjoni, iridu jitwettqu f'żoni, stabbilimenti jew punti ta' skambju tal-ilma approvati mill-awtorità kompetenti. Tali skariki u skambji spiss jirrikjedu li l-vetturi jieqfu. Madankollu, tali waqfien huwa pprojbit mill-Artikolu 90(2), il-punt (a), tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687. Sabiex jiġi żgurat li dawk id-dispożizzjonijiet ikunu loġistikament fattibbli, ir-referenza għall-waqfien jenħtieġ li tiġi aġġornata kif xieraq fl-Artikolu 90(2), il-punt (a), tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687.
- (27) L-Artikolu 99(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jipprojbixxi kwalunkwe moviment ta' annimali tal-akkwakultura miż-żona ta' sorveljanza għall-iskarnar, għat-trobbija ulterjuri jew għar-rilaxx fis-selvaġġ barra miż-żona ta' sorveljanza. Madankollu, l-Artikolu 99(4) ta' dak ir-Regolament Delegat jippermetti lill-awtorità kompetenti, bi qbil mal-awtorità kompetenti tal-post tad-destinazzjoni, li tawtorizza l-movimenti tal-annimali tal-akkwakultura, dment li jiġu applikati miżuri ta' bijosigurtà xierqa biex jipprevjenu t-tixrid tal-marda tal-kategorija A. Filwaqt li din id-deroga hija xierqa għal ħafna tipi ta' movimenti, mhijiex xierqa għal annimali li għandhom jiġu rrilaxxati fis-selvaġġ, fejn tali rilaxx jista' jirriżulta fl-infezzjoni tal-ilmijiet naturali, li tista' tkun diffiċli ħafna biex tiġi eradikata. Għalhekk, jenħtieġ li d-deroga stabbilita fl-Artikolu 99(4), tkun limitata għal movimenti għajr għall-fini ta' rilaxx fis-selvaġġ.
- (28) L-EFSA ħarġet opinjonijiet xjentifiċi li jikkonkludu u jirrakkomandaw dwar l-effettività tal-miżuri għall-kontroll tal-marda stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/687 għal kull marda tal-kategorija A⁵, b'mod partikolari dwar l-effettività tal-perjodu ta' monitoraġġ, tar-raġġi taż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, u dwar id-durata tal-miżuri li għandhom jiġu applikati f'dawk iż-żoni, kif stabbiliti fl-Annessi II, V, X u XI tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687. Barra minn hekk, il-projbizzjonijiet f'żoni ristretti u t-trattamenti ta' mitigazzjoni tar-riskju għal prodotti ta' oriġini mill-annimali u ta' materjali oħra, kif stabbiliti fl-Annessi VI, VII u VIII għar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 ġew ivvalutati mill-EFSA, u l-konklużjonijiet dwar l-effettività ta' dawk il-miżuri u t-trattamenti ta' mitigazzjoni tar-riskju ġew ippublikati f'opinjoni xjentifika dwar l-"Assessment of the control measures of the Category A diseases of the Animal Health Law: prohibitions in restricted zones and risk-mitigating treatments for products of animal origin and other materials"¹². Għalhekk, jenħtieġ li l-Annessi II, V sa VIII, X u XI tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jiġu emendati, biex jitqiesu l-miżuri effettivi, il-projbizzjonijiet u t-trattamenti ta' mitigazzjoni tar-riskju rilevanti għal kull marda tal-kategorija A f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-EFSA. Barra minn hekk, wara l-emenda tal-Artikolu 27(3)

¹² Assessment of the control measures of the Category A diseases of the Animal Health Law: prohibitions in restricted zones and risk-mitigating treatments for products of animal origin and other materials, <https://efsa.onlinelibrary.wiley.com/doi/epdf/10.2903/j.efsa.2022.7443>.

tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, jenħtieġ li l-Anness VII ta' dak ir-Regolament Delegat jiġi emendat biex jinkludi wkoll il-metodi għall-mitigazzjoni tar-riskju tal-prodotti derivati miż-żona ristretta.

- (29) L-Anness IV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jistabbilixxi l-proċeduri għat-tindif, għad-dizinfazzjoni u, meta jkun neċessarju, għall-kontroll tal-insetti u tar-roditori, kif imsemmi f'ċerti Artikoli ta' dak ir-Regolament Delegat. Għalhekk, jenħtieġ li s-subtitlu ta' dak l-Anness IV jirreferi għar-regoli stabbiliti fl-Artikoli kollha tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 li jeħtieġu t-tindif u d-dizinfazzjoni f'konformità mal-Anness IV. Barra minn hekk, jenħtieġ li jsiru emendi fil-Punt B tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament Delegat fir-rigward tal-ħin ta' kuntatt meħtieġ tad-diżinfettant mas-superficijiet ttrattati, biex jitqiesu sitwazzjonijiet meta ż-żamma bla bżonn tad-diżinfettant fuq is-superficijiet li għandhom jiġu diżinfettati għal aktar żmien mill-ħin minimu ta' kuntatt meħtieġ indikat mill-manifattur tista' tagħmel ħsara lill-materjali diżinfettati. Barra minn hekk, jenħtieġ li d-durata tat-trattament bil-fwar meħtieġ għad-demel bħala parti mit-tindif u mid-dizinfazzjoni finali kif stipulat fil-Punt C, il-paragrafu 1(a)(i), tal-Anness IV jiġi ċċarat għad-durata tiegħu biex tiġi żgurata l-inattivazzjoni effettiva tal-aġenti tal-mard tal-kategorija A. Barra minn hekk, il-perjodu ta' 7 ijiem meħtieġ mill-Punt C, il-paragrafu 3, tal-Anness IV għandu l-għan li jippermetti li l-bini, is-superficijiet u t-tagħmir li tnaddfu u ġew diżinfettati kif meħtieġ mill-paragrafu 2 ta' dak il-Punt jinxfu qabel ma jerġgħu jitnaddfu u jiġu diżinfettati. Madankollu, f'ċerti ċirkostanzi jew kundizzjonijiet tat-temp, is-superficijiet, il-bini u t-tagħmir jieħdu anqas minn 7 ijiem biex jinxfu. Għalhekk, huwa korrett li t-tindif u d-dizinfazzjoni previsti fil-Punt C, il-paragrafu 3, jitħallew isiru qabel 7 ijiem jekk is-superficijiet jkunu nixfu.
- (30) Għall-kontroll tal-mard tal-kategorija A, fil-każ ta' movimenti awtorizzati ta' laħam frisk miksub minn annimali tal-ispeċijiet elenkati miżmuma fi stabbilimenti li jinsabu fiż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, l-Anness IX tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jipprevedi l-immarkar ta' laħam frisk tal-pollam li ma jkunx maħsub biex jintbagħat lejn Stat Membru ieħor, kif ukoll ta' laħam frisk imċaqtaq lejn stabbiliment tal-ipproċessar biex jgħaddi minn wieħed mit-trattamenti ta' mitigazzjoni tar-riskju rilevanti, kif meħtieġ mill-Artikoli 33 u 49 ta' dak ir-Regolament Delegat. Forom differenti ta' marki huma deskritti għal marki li għandhom jiġu applikati fuq il-laħam frisk tal-pollam u fuq il-laħam frisk ta' speċijiet oħra. Barra minn hekk, id-deskrizzjoni tal-marki li għandhom jiġu applikati għal-laħam frisk, kif stabbilit fl-Anness IX tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 fiha elementi diġà stabbiliti fl-Anness II għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627¹³ jew fit-Taqsima I tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-

¹³ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 tal-15 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi arranġamenti prattiċi uniformi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem skont ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 51, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/627/oj).

Kunsill¹⁴. Għalhekk, biex tiġi ssimplifikata d-deskrizzjoni tal-marki kif stabbilit fl-Anness IX tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, u biex jiġi żgurat immarkar armonizzat tal-laħam frisk, jenħtieġ li l-Anness IX tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jipprovdi referenza għall-marki tas-saħħa jew, fejn rilevanti, għall-marki tal-identifikazzjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 48 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/627 u fl-Anness II tiegħu, jew fit-Taqsima I tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, rispettivament. Barra minn hekk, meta jintużaw għal skopijiet ta' kontroll tal-mard kif stabbilit fl-Artikoli 33 u 49 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, jenħtieġ li japplikaw rekwiżiti addizzjonali għall-forma tal-marki tas-saħħa jew tal-identifikazzjoni (marki speċjali tas-saħħa jew tal-identifikazzjoni). Għalhekk jenħtieġ li l-Anness IX tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jiġi emendat kif xieraq.

- (31) Il-bidliet fid-deskrizzjoni tal-marki kif stabbilit fl-Anness IX tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, kif emendat b'dan ir-Regolament, jistgħu jgħallqu piż amministrattiv addizzjonali għall-operaturi. Għalhekk, f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġi previst perjodu ta' tranżizzjoni li matulu l-marki kif deskritti fl-Anness IX fil-verżjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 applikabbli qabel l-emendi li saru b'dan ir-Regolament, ikunu jistgħu jibqgħu jintużaw, u l-laħam frisk b'marki bħal dawn applikati qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni jkun jista' jibqa' fis-suq.
- (32) Jenħtieġ li l-Anness XII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jiġi emendat biex jiżgura li jkunu jeżistu tliet għażliet separati dwar it-tipi ta' kampjuni li jistgħu jiġu kkunsidrati għal eżamijiet kliniċi u tal-laboratorju ta' annimali akkwatiċi, aktar milli dawk l-għażliet ikunu marbuta ma' xulxin. Barra minn hekk, it-tabella fil-punt 1(b) ta' dak l-Anness għandha xi informazzjoni nieqsa u ċerti inkonsistenzi dwar il-kampjuni li għandhom jinġabru mill-krustaċji u mill-ħut, f'ċerti ċirkostanzi. Il-Laboratorju ta' Referenza tal-Unjoni Ewropea (EURL, European Union Reference Laboratory) għall-mard tal-ħut u tal-krustaċji ġie kkonsultat u jenħtieġ li dik it-tabella tiġi emendata skont ir-rakkomandazzjonijiet ta' dak l-EURL.
- (33) Fl-Anness XV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, fl-interess taċ-ċarezza, huwa neċessarju li tiġi armonizzata t-terminoloġija biex jiġi żgurat li t-terminu "żjarat tas-saħħa" jintuża matul id-dokument kollu, minflok ma jintużaw kemm it-terminu "żjarat tas-saħħa" kif ukoll it-terminu "spezzjonijiet tas-saħħa", meta jkunu maħsuba għall-istess skop ta' sorveljanza tal-mard.
- (34) Wara l-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ġew innotati xi żbalji fil-Parti III tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687. Jenħtieġ li dawk l-iżbalji jiġu kkoreġuti.
- (35) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jiġi emendat u kkoreġut kif xieraq,

¹⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, 30/04/2004, p. 55, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2004/853/oj>).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687

Ir-Regolament Delegat (UE) 2020/687 huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:
 - (a) fil-paragrafu 2, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“L-ewwel subparagrafu, il-punt (c), ma għandux japplika għall-movimenti ta’ annimali ta’ speċijiet mhux elenkati.”;
 - (b) jiżdied il-paragrafu 2a li ġej:

“2a. B’deroga mill-punt 1(b), l-awtorità kompetenti tista’ tawtorizza l-movimenti tal-annimali ta’ speċijiet mhux elenkati lejn l-istabbiliment fejn hemm suspett ta’ marda tal-kategorija A, wara li titwettaq valutazzjoni tar-riskji u dment li:

 - (a) l-annimali ta’ speċijiet mhux elenkati tneħħew temporanjament mill-istabbiliment qabel ma ġiet issuspettata l-marda tal-kategorija A;
 - (b) jiġu applikati miżuri xierqa ta’ bijosigurtà meħtieġa biex jiġi evitat it-tixrid tal-marda tal-kategorija A.”;
2. L-Artikolu 15 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Artikolu 15

Tindif u diżinfezzjoni u kontroll tal-insetti u tar-roditori fl-istabbiliment affettwat

1. L-awtorità kompetenti għandha tordna u tissorvelja t-tindif u d-diżinfezzjoni u, fejn rilevanti, il-kontroll tal-insetti u tar-roditori, fl-istabbiliment affettwat, kif ġej:
 - (a) tindif u diżinfezzjoni preliminari, u fejn rilevanti, il-kontroll tal-insetti u tar-roditori, immedjatament wara t-tlestija tal-miżuri għall-kontroll tal-mard f’konformità mal-Artikoli 12, 13 u 14; u
 - (b) tindif u diżinfezzjoni finali, u, fejn rilevanti, il-kontroll tal-insetti u tar-roditori kif previst fl-Artikolu 68(1), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2016/429, immedjatament wara t-tlestija tat-tindif u d-diżinfezzjoni preliminari.
2. It-tindif, id-diżinfezzjoni u l-kontroll preliminari u finali tal-insetti u tar-roditori, imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom:
 - (a) jitwettqu f’konformità mar-rekwiżiti ġenerali stabbiliti fil-punt A tal-Anness IV u mal-proċeduri rilevanti stabbiliti fil-punti B u C ta’ dak l-Anness, bl-użu tal-prodotti bijoċidali xierqa biex tiġi żgurata l-qerda tal-aġent tal-marda tal-kategorija A rilevanti; u
 - (b) ikunu ddokumentati b’mod adegwat.
3. Jekk l-awtorità kompetenti tkun tat waħda mid-derogi speċifiċi mill-miżuri għall-kontroll tal-mard stabbiliti fl-Artikolu 12(1), il-punt (a), previsti fl-Artikolu 13(2) u (4), għandha tadatta l-proċeduri stabbiliti fl-Anness IV għas-

sitwazzjoni speċifika, mingħajr detriment għall-kontroll tat-tixrid tal-marda tal-kategorija A mill-annimali affettwati u mill-istabbilimenti u l-postijiet affettwati għal annimali oħra mhux affettwati jew għall-bnedmin.

4. Minbarra l-miżuri msemmija fil-paragrafi 1 u 2, l-awtorità kompetenti għandha tordna u tissorvelja li l-mezzi tat-trasport użati għat-trasport tal-annimali lejn u mill-istabbiliment affettwat ikunu mnaddfa u diżinfettati kif xieraq u, fejn rilevanti, soġġetti għal miżuri li jiżguraw il-kontroll tal-insetti u tar-roditori.”;

3. It-titolu tal-Artikolu 16 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Artikolu 16

Derogi u regoli speċjali għat-tindif u għad-diżinfazzjoni u għall-kontroll tal-vetturi”;

4. fl-Artikolu 19, jiżdied il-paragrafu 6 li ġej:

“6. L-awtorità kompetenti għandha tordna u tissorvelja li t-trattament jew l-ipproċessar tal-prodotti, kif imsemmi fil-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu jitwettqu f’konformità mal-Anness VII jew VIII, kif rilevanti.”;

5. fl-Artikolu 21, il-punt (c), tal-paragrafu 1, u l-paragrafu 2, huma sostitwiti b’dan li ġej:

“(c) jekk ikun neċessarju, abbażi tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 64(1) tar-Regolament (UE) 2016/429, aktar żoni ristretti fejn l-awtorità kompetenti għandha tapplika l-istess miżuri bħal dawk previsti fit-Taqsima 3 ta’ dan il-Kapitolu għaż-żona ta’ sorveljanza.

2. L-awtorità kompetenti għandha tadatta l-konfini taż-żona ristretta, inklużi l-konfini taż-żona ta’ protezzjoni, taż-żona ta’ sorveljanza u taż-żoni ristretti oħra, f’konformità mal-Artikolu 64(2) tar-Regolament (UE) 2016/429.”;

6. fl-Artikolu 22, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“3. L-awtorità kompetenti għandha tordna u tissorvelja li l-movimenti kollha ta’ iġsma sħaħ jew ta’ partijiet minn annimali selvaġġi u miżmuma mejtin tal-ispeċijiet elenkati miż-żona ristretta jkunu destinati għall-ipproċessar jew għar-rimi f’konformità mar-Regolament (KE) Nru 1069/2009:

(a) fit-territorju tal-Istat Membru; jew

(b) f’impjant approvat għal dawk l-għanijiet fi Stat Membru ieħor f’konformità mal-Artikolu 48(1) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009, fejn ma jkunx fattibbli li jiġu pproċessati jew jintremew iġsma sħaħ jew partijiet minn annimali mejtin f’impjant approvat fi ħdan it-territorju tal-Istat Membru fejn seħħet it-tifqigħa.”;

7. L-Artikolu 23 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Artikolu 23

Derogi mill-miżuri li għandhom jiġu applikati fiż-żona ristretta

“L-awtorità kompetenti tista’ tagħti derogi mir-regoli stabbiliti f’dan il-Kapitolu dwar il-miżuri li għandhom jiġu applikati f’żoni ristretti, sal-punt neċessarju u wara t-twertiq ta’ valutazzjoni tar-riskji li tindika li r-riskju tat-tixrid tal-marda tal-kategorija A jkun negliġibbli:

- (a) fiż-żoni ristretti ulterjuri msemmija fl-Artikolu 21(1), il-punt (c);

- (b) fejn l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li tistabbilixxi żona ristretta meta sseħħ tifqigħa ta' marda tal-kategorija A fl-istabbilimenti u l-postijiet imsemmija fl-Artikolu 21(3);
- (c) fl-istabbilimenti u fil-postijiet imsemmija fl-Artikolu 21(3), il-punti (a) sa (f), li jinsabu f'żona ristretta.”;
8. fl-Artikolu 26(2), il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “(d) il-ġbir ta' kampjuni minn annimali għal eżami fil-laboratorju sabiex tiġi kkonfermata jew eskluża l-preżenza tal-marda tal-kategorija A rilevanti dment li, abbażi tal-evidenza xjentifika rilevanti, eżami kliniku jkun biżżejjed biex tiġi eskluża l-preżenza ta' dik il-marda.”;
9. L-Artikolu 27(3) huwa emendat kif ġej:
1. Il-punti (a) u (b) huma sostitwiti b'dan li ġej:
- “(a) prodotti ta' oriġini mill-annimali msemmija bħala komoditajiet sikuri fil-Parti I tal-Anness VII, fir-rigward tal-marda rilevanti tal-kategorija A;
- (b) prodotti ta' oriġini mill-annimali li jkun sarilhom wieħed mit-trattamenti rilevanti previsti fil-Parti I tal-Anness VII għall-marda rilevanti tal-kategorija A;”;
2. Il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “(e) prodotti derivati miksuba b'metodi standard ta' pproċessar u b'parametri standard ta' trasformazzjoni, kif stipulati fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 142/2011¹⁵, u previsti fil-Parti II tal-Anness VII ta' dan ir-Regolament għall-prodott rilevanti;”;
3. Jiżdied punt (f) ġdid, kif ġej:
- “(f) ġelatina u kollaġen.”;
10. fl-Artikolu 28, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “1. B'deroga mill-projbizzjonijiet previsti fl-Artikolu 27, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza movimenti ta' annimali u ta' prodotti jekk ir-riskju għat-tixrid tal-marda tal-kategorija A li tirriżulta minn tali movimenti jkun negliġibbli, u jekk il-kundizzjonijiet ġenerali stipulati fil-paragrafi 2 sa 7 ta' dan l-Artikolu jiġu ssodisfati:

¹⁵ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 tal-25 ta' Frar 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi skont dik id-Direttiva (ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/142/oj>).

- (a) fil-każijiet previsti fl-Artikoli 29 sa 38, u f'konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi - stipulati f'dawk l-Artikoli; jew
- (b) jekk l-annimali u l-prodotti joriġinaw minn kompartimenti approvati f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/2623¹⁶ għall-marda tal-kategorija A rilevanti u elenkati fl-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/620¹⁷.”;

11. fl-Artikolu 33(1), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(a) jiġu mċaqilqa lejn stabbiliment tal-ipproċessar biex isir ilhom wieħed mit-trattamenti rilevanti ta' mitigazzjoni tar-riskju stipulati fil-Parti I tal-Anness VII; jew”;

12. L-Artikolu 35 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 35

Kundizzjonijiet speċifiċi għall-awtorizzazzjoni tal-movimenti ta' demel, inklużi mfierex u mraġad użati, minn stabbilimenti li jinsabu fiż-żona ta' protezzjoni

L-awtorità kompetenti tista' tawtorizza l-movimenti ta' demel, inklużi mfierex u mraġad użati, minn:

- (a) stabbilimenti li jinsabu fiż-żona ta' protezzjoni għall-fini tar-rimi tiegħu f'landfill magħżula li tkun tinsab fl-istess Stat Membru biss wara li jkun ġie trattat f'konformità mat-trattament stabbilit fil-Parti C, il-paragrafu (1)(a)(i), tal-Anness IV, jew wara l-ipproċessar f'konformità mal-Artikolu 13, il-punt (c), tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009;
- (b) stabbilimenti u postijiet fiż-żona ta' protezzjoni lejn impjant approvat għall-ipproċessar jew għar-rimi ta' prodotti sekondarji tal-annimali, li fihom il-prodotti jintremew jew jiġu pproċessati f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 bil-metodi rilevanti għall-ipproċessar tad-demel previsti fil-Parti II tal-Anness VII ta' dan ir-Regolament.”;

13. fl-Artikolu 37, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

¹⁶ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/2623 tat-30 ta' Lulju 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-approvazzjoni u għar-rikonnoxximent tal-istatus ta' ħelsien mill-mard tal-kompartimenti li jżommu l-annimali terrestri (ĠU L, 2024/2623, 4.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/2623/oj).

¹⁷ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/620 tas-15 ta' April 2021 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-approvazzjoni tal-istatus ta' ħelsien mill-mard u tal-istatus ta' mingħajr tilqim ta' ċerti Stati Membri jew taż-żoni jew il-kompartimenti tagħhom fir-rigward ta' ċertu mard elenkat, u rigward l-approvazzjoni ta' programmi ta' eradikazzjoni għal dak il-mard elenkat (ĠU L 131, 16.4.2021. p. 78, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/620/oj).

- “2. L-awtorità kompetenti tista’ tawtorizza l-movimenti ta’ prodotti minn stabbilimenti u minn postijiet fiż-żona ta’ protezzjoni lejn impjant approvat għall-ipproċessar jew għar-rimi ta’ prodotti sekondarji tal-annimali, fejn il-prodotti jintremew jew jiġu pproċessati f’konformità mar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 bil-metodu rilevanti previst fil-Parti II tal-Anness VII ta’ dan ir-Regolament.”;
14. L-Artikolu 39 huwa emendat kif ġej:
- (a) fil-paragrafu 1, il-punt (b) huwa sostitwit b’dan li ġej:
- “(b) fl-istabbilimenti kollha li jżommu annimali tal-ispeċijiet elenkati fiż-żona ta’ protezzjoni, l-annimali tal-ispeċijiet elenkati jkunu għaddew, b’riżultati favorevoli, minn eżamijiet kliniċi u fil-laboratorju kif ikun neċessarju, f’konformità mal-Artikolu 26.”;
- (b) jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:
- “4. Wara li jitneħħew il-miżuri msemmija fit-Taqsima 3 ta’ dan il-Kapitolu, kif imsemmi fil-paragrafu 3, meta l-awtorità kompetenti tkun stabbiliet żona ristretta ulterjuri f’konformità mal-Artikolu 21(1), il-punt (c), il-miżuri applikati f’din iż-żona ristretta ulterjuri għandhom japplikaw ukoll fiż-żona ta’ protezzjoni sakemm jitneħħew il-miżuri applikati f’dik iż-żona ristretta ulterjuri.”;
15. fl-Artikolu 43, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:
- “1. B’deroga mill-projbizzjonijiet previsti fl-Artikolu 42, l-awtorità kompetenti tista’ tawtorizza movimenti ta’ annimali u ta’ prodotti jekk ir-riskju għat-tixrid tal-marda tal-kategorija A li tirriżulta minn tali movimenti jkun negliġibbli, u jekk il-kundizzjonijiet ġenerali stipulati fil-paragrafi 2 sa 7 ta’ dan l-Artikolu jiġu ssodisfati:
- (a) fil-każijiet previsti fl-Artikoli 44 sa 54, u f’konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti f’dawk l-Artikoli;
- jew
- (b) jekk l-annimali jew il-prodotti joriġinaw minn kompartimenti approvati f’konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat (UE) 2024/2623 għall-marda tal-kategorija A rilevanti u elenkati fl-Anness XI tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/620;”;
16. fl-Artikolu 46(1), il-punt (b) huwa sostitwit b’dan li ġej:
- “(b) lejn kwalunkwe stabbiliment, jekk ikunu faqqsu minn bajd li joriġina minn barra miż-żona ristretta, u jekk il-mafqas tad-dispaċċ jista’ jiżgura li ma seħħ l-ebda kuntatt bejn dak il-bajd u kwalunkwe bajd ieħor għat-tifqis jew flieles ta’ ġurnata miksuba minn annimali miżmuma fiż-żona ristretta.”;
17. fl-Artikolu 49(1), il-punt (a) huwa sostitwit b’dan li ġej:
- “(a) il-laħam frisk jew il-ħalib mhux ipproċessat jiġi mċaqlaq lejn stabbiliment tal-ipproċessar biex jgħaddi minn wieħed mit-trattamenti tal-mitigazzjoni tar-riskju rilevanti stipulati fil-Parti I tal-Anness VII; jew”;
18. L-Artikolu 51 huwa sostitwit b’dan li ġej:

Kundizzjonijiet speċifiċi għall-awtorizzazzjoni tal-movimenti ta’ demel, inklużi mfierex u mraquad użati, minn stabbilimenti li jinsabu fiż-żona ta’ sorveljanza

1. L-awtorità kompetenti tista’ tawtorizza l-movimenti ta’ demel, inklużi mfierex u mraquad użati, minn stabbilimenti li jinsabu fiż-żona ta’ sorveljanza:
 - (a) mingħajr ipproċessar, lejn landfill, li kienet preċedentement awtorizzata għal dak l-iskop mill-awtorità kompetenti, li tinsab fl-istess żona ta’ sorveljanza; jew
 - (b) wara l-ipproċessar, lejn landfill, li kienet preċedentement awtorizzata għal dak l-iskop mill-awtorità kompetenti, li tinsab fit-territorju tal-istess Stat Membru.
2. L-awtorità kompetenti tista’ tawtorizza l-movimenti ta’ demel, inklużi mfierex u mraquad użati, minn stabbilimenti u minn postijiet oħra fiż-żona ta’ sorveljanza lejn impjant approvat għall-ipproċessar jew għar-rimi ta’ prodotti sekondarji tal-annimali fejn dan jintrema jew jiġi pproċessat f’konformità mar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 bil-metodi rilevanti għall-ipproċessar tad-demel previsti fil-Parti II tal-Anness VII ta’ dan ir-Regolament.”;
19. fl-Artikolu 52, il-punt (c) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(c) huma maħsubin biex jintużaw fiż-żona ta’ protezzjoni jew ta’ sorveljanza; jew”;
20. fl-Artikolu 53, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“2. L-awtorità kompetenti tista’ tawtorizza l-movimenti ta’ prodotti minn stabbilimenti u minn postijiet oħra fiż-żona ta’ sorveljanza lejn impjant approvat għall-ipproċessar jew għar-rimi ta’ prodotti sekondarji tal-annimali, fejn jintremew jew jiġu pproċessati f’konformità mar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 bil-metodi rilevanti previsti fil-Parti II tal-Anness VII ta’ dan ir-Regolament.”;
21. L-Artikolu 55 huwa emendat kif ġej:
 1. Il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. L-awtorità kompetenti tista’ tneħħi l-miżuri għall-kontroll tal-mard applikati fiż-żona ta’ sorveljanza skont it-Taqsimiet 1 u 3 biss jekk:

 - (a) il-perjodu minimu stabbilit fl-Anness XI ikun għadda wara d-data tat-tlestija tat-tindif u d-dizinfekzjoni preliminari u, fejn rilevanti, il-kontroll tal-insetti u tar-roditori jitwettqu f’konformità mal-Artikolu 15 fl-istabbiliment affettwat;
 - (b) ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 39(1), il-punt (b), ikunu ġew irrispettati fiż-żona ta’ protezzjoni;
 - (c) għadd rappreżentattiv ta’ stabbilimenti li jżommu l-annimali tal-ispeċijiet elenkati jkunu sarulhom, b’riżultati favorevoli, żjarat imwettqa minn veterinarji uffiċjali, f’konformità mal-Artikolu 41;
 - (d) it-tindif u d-dizinfekzjoni finali u, meta rilevanti, il-kontroll tal-insetti u tar-roditori jkunu twettqu fl-istabbiliment affettwat f’konformità tal-anqas mal-proċeduri stabbiliti fil-punti A u C tal-

Anness IV, bl-użu tal-prodotti bijoċidali xierqa sabiex tiġi żgurata l-qerda tal-aġent tal-marda tal-kategorija A rilevanti.”;

2. Jiżdiedu l-paragrafi 3, 4 u 5 li ġejjin:

“3. Wara li jitneħħew il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu, meta l-awtorità kompetenti tkun stabbiliet żona ristretta ulterjuri f’konformità mal-Artikolu 21(1), il-punt (c), il-miżuri applikati f’din iż-żona ristretta ulterjuri għandhom japplikaw ukoll fiż-żona ta’ sorveljanza sakemm jitneħħew il-miżuri applikati fiż-żona ristretta ulterjuri.

4. B’mod eċċezzjonali, meta t-tindif u d-dizinfekzjoni finali kif imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (d), ikunu jistgħu jitlestew biss b’dewmien sinifikanti meta mqabbel mal-perjodu minimu kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a), l-awtorità kompetenti, wara li twettaq valutazzjoni tar-riskju, tista’ tneħħi l-miżuri għall-kontroll tal-mard applikati fiż-żona ta’ sorveljanza, dment li:

(a) minn meta ġiet stabbilita, ma tkun seħħet l-ebda tifqigħa oħra tal-marda rilevanti tal-kategorija A fiż-żona ristretta,

(b) ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1, il-punti (a), (b) u (c),

(c) jiġu applikati l-miżuri ta’ bijosigurtà addizzjonali xierqa fl-istabbiliment affettwat għall-prevenzjoni tar-riskju tat-tixrid tal-aġent tal-marda tal-kategorija A,

(d) il-valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-awtorità kompetenti tindika li r-riskju tat-tixrid tal-marda tal-kategorija A jkun negliġibbli.

5. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni meta l-miżuri għall-kontroll tal-mard applikati f’żona ta’ sorveljanza stabbilita fit-territorju tagħhom ikunu tneħħew f’konformità mal-paragrafu 4.”;

22. it-titolu tat-Taqsima 4 tal-Kapitolu II tal-Parti II huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Derogi applikabbli fiż-żona ristretta fil-każ ta’ durata estiża tar-restrizzjonijiet”;

23. L-Artikolu 56 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Artikolu 56

Derogi minn projbizzjonijiet fuq il-movimenti ta’ annimali fiż-żoni ristretti u lejhom meta jinżammu l-miżuri ta’ restrizzjoni

1. Meta l-projbizzjonijiet fuq il-moviment ta’ annimali previsti fl-Artikoli 27 u l-Artikolu 42 jinżammu sinifikantement lil hinn mill-perjodu stabbilit fl-Anness XI, l-awtorità kompetenti tista’, f’ċirkostanzi eċċezzjonali, tawtorizza l-moviment ta’ annimali miżmuma ta’ speċijiet elenkati minn u lejn stabbilimenti fiż-żona ristretta f’każijiet mhux koperti mid-derogi previsti fl-Artikoli 28 u 43, jekk:

(a) l-operatur ikun issottometta applikazzjoni motivata għal dik l-awtorizzazzjoni;

(b) ir-riskji derivati mill-awtorizzazzjoni ta’ tali movimenti jkunu ġew ivvalutati qabel l-awtorizzazzjoni u l-valutazzjoni tindika li r-riskju ta’ tixrid tal-marda tal-kategorija A huwa negliġibbli;

- (c) jiġu applikati miżuri ta' bijosigurtà msaħħa fl-istabbiliment tad-destinazzjoni għall-prevenzjoni tar-riskju tat-tixrid tal-marda tal-kategorija A.
 - (d) il-veterinarji uffiċjali, fil-każ ta' movimenti minn stabbilimenti fiż-żona ta' restrizzjoni, għandhom ikunu wettqu eżamijiet kliniċi u jkunu għabru kampjuni għal eżamijiet fil-laboratorju minn annimali tal-ispeċijiet elenkati, inklużi dawk li jridu jiġu mċaqilqa, li jkunu taw riżultati favorevoli.
2. Meta l-movimenti tal-annimali jkunu ġew awtorizzati skont il-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li t-trasport ikun konformi mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 24.”;
24. fl-Artikolu (59)5, il-frażi introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:
- “5. Il-veterinarji uffiċjali għandhom iwettqu mill-inqas żjara fl-istabbiliment affettwat fl-aħħar jum tal-perjodu ta' monitoraġġ stabbilit fl-Anness II għall-marda rilevanti tal-kategorija A, ikkalkolat 'il quddiem mid-data li fiha l-annimali jkunu tqiegħdu fl-istabbiliment. Meta l-perjodu ta' monitoraġġ f'konformità mal-Anness II ikun itwal minn 30 jum, iż-żjara għandha ssir qabel ma jgħaddu 30 jum mid-data li fiha l-annimali jkunu tqiegħdu fl-istabbiliment. Matul iż-żjarat, il-veterinarji uffiċjali għandhom jagħmlu mill-inqas:”;
25. fl-Artikolu 61, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “2. L-awtorità kompetenti għandha tneħħi l-miżuri kollha għal kontroll tal-mard applikati fl-istabbiliment affettwat f'konformità ma' dan ir-Regolament meta:
- (a) ir-ripopolament jitqies bħala ffinalizzat, kif previst fil-paragrafu 1; jew meta
 - (b) ikunu ssodisfati r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 57(1), jew
 - (i) fil-każ tal-waqfien tal-attivitajiet relatati maż-żamma tal-annimali mill-operatur jew mill-istabbiliment ikkonċernat, jew
 - (ii) f'każ li tkun inġhatat deroga speċifika mill-Artikolu 12(1), il-punt (a), f'konformità mal-Artikolu 13 fl-istabbiliment affettwat, u l-annimali tal-ispeċijiet elenkati jkunu ġew soġġetti b'riżultati favorevoli għall-eżamijiet stabbiliti fl-Artikolu 59(5), il-punti (b) u (c), imwettqa fi tmiem il-perjodu ta' monitoraġġ imsemmi fl-Artikolu 57(1), il-punt (b).”;
26. fl-Artikolu 75, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “(b) il-moviment tal-annimali akkwatiċi fil-viċinanza tal-istabbiliment suspettat;”;
27. fl-Artikolu 78(1), il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “(f) il-materjali jew is-sustanzi kollha potenzjalment ikkontaminati għandhom jiġu iżolati sakemm:
- (i) il-miżuri ta' tindif u ta' diżinfezzjoni jkunu tlestew f'konformità mal-Artikolu 80, fil-każ ta' materjali u ta' sustanzi li jistgħu jsirulhom tindif u diżinfezzjoni;
 - (ii) jitneħħew mill-istabbiliment u jintremew taħt is-superviżjoni ta' veterinarji uffiċjali, fil-każ ta' għalf u ta' materjali oħrajn li ma jistgħux isirulhom tindif u diżinfezzjoni.”;

28. fl-Artikolu 78, il-paragrafu 5 jitħassar;
29. L-Artikolu 83 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 83

L-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti ta' oriġini mill-annimali minn annimali tal-akkwakultura tal-ispeċijiet elenkati prodotti fi stabbilimenti infettati

1. Meta tagħti deroga f'konformità mal-Artikolu 78(3), l-awtorità kompetenti tista' tippermetti l-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti ta' oriġini mill-annimali minn annimali tal-akkwakultura biss jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:
- (a) il-ħut irid jiġi skarnat u jiġi evixxerat qabel id-dispaċċ;
- (b) il-molluski u l-krustaċji jridu jkun traċċabbli kompletament u pproċessati fi prodotti mhux vijabbli li ma jkunux jistgħu jibqgħu ħajjin jekk jitpoġġew lura fl-ilma, qabel id-dispaċċ.
- Meta tkun meħtieġa l-purifikazzjoni qabel l-ipproċessar u l-introduzzjoni fis-suq, din għandha titwettaq fi stabbiliment għall-kontroll tal-mard tal-ikel akkwatiku.
2. Il-prodotti ta' oriġini mill-annimali msemmiya fil-paragrafu 1 għandhom ikunu intiżi:
- (a) għall-forniment dirett lill-konsumatur finali;
jew
- (b) għall-ipproċessar ulterjuri fi stabbiliment għall-kontroll tal-mard tal-ikel akkwatiku.”;
30. fl-Artikolu 90(2), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “(a) il-movimenti kollha jridu jitwettqu esklużivament minn rotot magħżula, miftiehma mal-awtorità kompetenti, mingħajr ħatt jew waqfien għal raġunijiet għajr l-iskambju jew l-iskariki tal-ilma kif previst fil-punt (b);”;
31. fl-Artikolu 99, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “1. L-awtorità kompetenti għandha tipprojbixxi kwalunkwe moviment ta' annimali tal-akkwakultura minn stabbilimenti fiż-żona ta' sorveljanza għall-iskarnar, għaż-żamma ulterjuri jew għar-rilaxx fis-selvaġġ barra miż-żona ta' sorveljanza.”;
32. fl-Artikolu 99, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “4. B'deroga mill-paragrafu 1 u bi ftehim mal-awtorità kompetenti tal-post tad-destinazzjoni, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza l-movimenti ta' annimali tal-akkwakultura, għajr għar-rilaxx fis-selvaġġ, dment li jiġu applikati miżuri ta' bijosigurtà xierqa li jipprevjenu t-tixrid tal-marda tal-kategorija A.”;
33. L-Annessi I, II, IV sa XII u XV huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Korrezzjonijiet lir-Regolament Delegat (UE) 2020/687

Ir-Regolament Delegat (UE) 2020/687 huwa kkoreġut kif ġej:

1. it-titolu tal-Kapitolu III tal-Parti II huwa sostitwit b'dan li ġej:
“Ripopolament tal-istabbiliment affettwat b’annimali terrestri u tneħħija tal-miżuri għall-kontroll tal-mard fl-istabbiliment affettwat”;
2. it-titolu tal-Artikolu 58 huwa sostitwit b'dan li ġej:
“Deroga mir-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 57(1), il-punt (b)”;
3. it-titolu tat-Taqsima 2, il-Kapitolu I tal-Parti III huwa sostitwit b'dan li ġej:
“Miżuri għall-kontroll tal-mard fil-każ ta’ konferma uffiċjali ta’ marda tal-kategorija A fl-annimali tal-akkwakultura”;
4. fl-Artikolu 85(4), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:
“(b) tistabbilixxi żona ristretta li tikkonsisti f’żona ta’ protezzjoni mingħajr żona ta’ sorveljanza li tmiss magħha; jew”;
5. fl-Artikolu 90, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
“1. B’deroga mill-projbizzjonijiet previsti fl-Artikolu 89(1), l-awtorità kompetenti tista’ tawtorizza l-moviment u t-trasport ta’ annimali akkwatiċi u ta’ prodotti tagħhom fil-każijiet imsemmija fl-Artikoli 91, 92 u 93 skont fil-kundizzjonijiet speċifiċi previsti f’dawk l-Artikoli u l-kundizzjonijiet ġenerali stipulati fil-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu.”;
6. fl-Artikolu 99, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
“2. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li kwalunkwe trasport ta’ annimali tal-akkwakultura tal-ispeċijiet elenkati fiż-żona ta’ sorveljanza jew lejha għandu jitwettagħ f’konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 90(2), il-punti (a) sa (e) u fl-Artikolu 91.”;
7. it-titolu tal-Artikolu 103 huwa sostitwit b'dan li ġej:
“Miżuri fil-każ ta’ konferma uffiċjali ta’ marda tal-kategorija A fl-annimali akkwatiċi selvaġġi tal-ispeċijiet elenkati”;
8. fl-Artikolu 104(1), il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:
“(e) tipprojbixxi d-dħul fi stabbilimenti li jżommu annimali tal-akkwakultura tal-ispeċijiet elenkati, fiż-żona infettata, ta’ kwalunkwe parti minn annimali akkwatiċi tal-ispeċijiet elenkati, kemm jekk mistada, maqbuda, miġbura jew misjuba mejta fiż-żona infettata kif ukoll kull prodott, materjal jew sustanza li x’aktarx ikunu kkontaminati b’marda tal-kategorija A.”.

Artikolu 3

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

Il-marki li għandhom jiġu applikati għal-laħam frisk imsemmijin fl-Anness IX tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, kif stipulat fil-verżjoni ta’ dak ir-Regolament Delegat, qabel l-emendi li saru minn dan ir-Regolament, jistgħu jibqgħu jintużaw sal-31 ta’ Diċembru 2028, u l-laħam frisk b’dawn il-marki applikati qabel dik id-data jista’ jibqa’ fis-suq.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidhrol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 12.2.2026

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN